**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 3 ta' Marzu, 2020**

Numru 13

**Rikors Guramentat Nru. 1240/2018**

**L-Avukat Dottor Cedric Mifsud a nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Superyacht Services di Vannucci Paolo**

**vs**

**Gemini Yachting Limited bhala sid tal-bastiment M/YLady in Blue**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tat-12 ta' Dicembru, 2018 li jghid hekk:

1) Illi fil-perjodu bejn il-hamsa u ghoxrin (25) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016) u is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) is-socjeta rikorrenti Superyacht Services di Vannucci Paolo ta' sede legali 9, Piazza Giovanni Pacini, Viareggio, Lucca, Italja forniet diversi servizzi bhala agenzija tal-bastimenti lil Yacht M/Y Lady in Blue bin-numru ufficjali 11926 u registrat taht il-bandiera marittima Maltija proprjeta ta' Gemini Yachting Limited inkorporata taht il-ligijiet tal-Isle of Man bl-ufficju registrat fi First Floor Jubilee Buildings, Victoria Street, Douglas, Isle of Man, IM1 2SH filwaqt illi l-imsemmi yacht kien jinsab gewwa fil-port ta' Viareggio fl-Italja.

2) Illi l-ammont ghal dawn is-servizzi komplessivament jammonta ghas-somma ta' sitt mija u tnejn u tmenin elf, mitejn u erbgha u ghoxrin ewro u erbgha u sittin centezmu (€682,224) illi jikkonsisti fl-ammont ta' mitejn u wiehed u tletin elf, tmien mija u erbatax-il ewro u tlieta u tmenin centezmu (€231,814.83) dovuti in konnessjoni ma' arrest precedenti tal-Yacht M/Y Lady in Blue u li sal-gurnata odjerna ghadhom ma gewx saldati (fatturi konnessi ma' dan l-arrest precedenti hawn annessi u

mmarkati bhala Dok. SS1) u ammonti ohra kif rapprezentati mis-segwenti fatturi (hawn annessi u mmarkati bhala Dok. SS2 sa SS11):
i) Fattura numru 20.18 datata nhar is-sbatax (17) ta' Jannar elfejn u tmintax (2018) ghas-somma ta' sitta u ghoxrin elf u tmienja u tletin ewro u tmintax-il centezmu (€26,038.18);
ii) Fattura numru 78/18 datata nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Gunju elfejn u tmintax (2018) ghas-somma ta' sitta u sebghin elf, sitt mija u erbgha u tletin Ewro u hdax-il éenteimu (€76,634.11);
iii) Fattura numru 79/18 datata nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Gunju elfejn u tmintax (2018) ghas-somma ta' disat elef, mitejn u tnejn u tmenin ewro (€9,282.00);
iv) Fattura numru 109/18 datata nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju elfejn u tmintax (2018) ghas-somma ta' mija u tmienja u tletin elf, sitt mija u tlieta u hamsin ewro (€138,653.00);
v) Fattura numru 110/18 datata nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju elfejn u tmintax (2018) ghas-somma ta' tlieta u ghoxrin elf, disgha mija u hamsa u hamsin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€23,955.78);
vi) Fattura numru 113/18 datata nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju elfejn u tmintax (2018) ghas-somma ta' ghaxart elef sebgha mija u ghaxar ewro (€10,710);
vii) Fattura numru 112/18 datata nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Lulju elfejn u tmintax (2018) ghas-somma ta' sebgha u tletin elf, tliet mija u hmistax-il ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€37,315.21);
viii) Fattura numru 111/18 datata nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Lulju elfejn u tmintax (2018) ghas-somma ta' tnax-il elf, mija u erbgha u sebghin ewro u sebgha centezmi (€12,174.07);
ix) Fattura numru 188/18 datata nhar id-disgha (9) ta' Ottubru elfejn u tmintax (2018) ghas-somma ta' disgha u sittin elf, hames mija u hamsa u tmenin ewro u erbgha u disghin centezmu (€69,585.94);
x) Fattura numru 227/18 datata nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Ottubru elfejn u tmintax (2018) ghas-somma ta' sitta u erbghin elf u wiehed u sittin ewro u tnejn u hamsin centezmu (€46,061.50).

3) Illi l-ammonti u l-fatturi hawn fuq indikati ma humiex ikkontestati mis-socjeta intimata u fil-fatt id-debitu gie rikonoxxut stante illi gew ittimbrati mir-rapprezentati tal-Yacht M/Y Lady in Blue u s-socjeta intimata sahansitra hallset l-ammont ta' erbgha mija u sitta u tletin elf u sebgha u tletin ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€436,037.24) akkont tal-bilanc.

4) Illi, ghaldaqstant il-bilanc illi ghadu dovut mis-socjeta konvenuta jammonta fis-somma ta' mitejn u sitta u erbghin elf, mija u sebgha u tmenin ewro u sebgha u tletin centezmu (€246,187.37).

5) Illi sabiex tipprotegi l-pretensjonijiet taghha is-socjeta rikorrenti, Superyacht Services di Vannucci Paolo intavolat mandat ta' arrest kontra il-bastiment M/Y Lady in Blue quddiem il-Qorti ta' Lucca fejn kien jinsab l-imsemmi Yacht u dan il-Mandat ta' Arrest gie akkordat nhar id-disgha (9) ta' Novembru elfejn u tmintax (2018) u ghaldaqstant il-Yacht attwalment jinsab arrestat gewwa il-Port ta' Viareggio, fl-Italja.

6) Illi din il-pretensjoni tas-socjeta rikorrenti fil-konfront tal-bastiment hija ikkunisdrata bhala azzjoni in rem a tenur tal-Artikolu 742B(m), (n), (o), (p), (q), (s) u/jew (t) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u

ghaldaqstant hemm lok ghal azzjoni ai termini tal-Artikolu 37 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta peress illi l-kriterji tal-Artikolu 37 (10)(a)(v) huma sodisfatti u ghalhekk konsegwentement dina 1-0norabbli Qorti ghandha is-setgha li tipprojbixxi kull negozju dwar il-bastiment jew sehem fih;

7) Illi jekk isir bejgh jew transferiment tal-bastiment jew trasferiment ta' ishma fil-bastiment, il-kreditu tas-socjeta rikorrenti jigi lez.

Tghid ghalhekk is-socjeta intimata ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

1) Tordna li ma jsir ebda negozju u tipprojbixxi kull negozju, bejgh jew self fir-rigward tal-bastiment M/Y Lady in Blue, numru 11926 u fir-rigward ta' kull sehem fl-istess bastiment kif ukoll ma jigux kostitwiti u registrati mortgages fuq l-istess bastiment u lanqas jinhareg ebda deletion certificate u dan taht dawk il-kundizzjonijiet u pattijiet illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u dan ai termini tal-Artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta.

2) Tordna li kull ordni maghmul minn din l-Onorabbli Qorti jigi notifikat lir-Registratur tal-Bastiment Merkantili u tal-Bahrin a tenur tal-istess Artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra is-socjeta konvenuta li tibqa' ingunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li s-socjeta konvenuta hija fi stat ta’ kontumacja;

Rat l-atti u semghet lid-difensur tas-socjeta attrici;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Is-socjeta attrici qed tivvanta drittijiet ta’ hlasijiet fil-konfront tas-socjeta konvenuta relatati mal-bastiment M/Y Lady in Blue u dan wara li forniet diversi servizzi bhala agenzija tal-basimenti lill-istess bastiment. Dan id-debitu sallum mhux saldat. Is-socjeta attrici ghandha azzjoni in rem a bazi tal-artikolu 742B(m), (n), (o), (p), (q) (s) u/jew (t) u artikolu 37(10)(a)(v) tal-Kap. 234.

Ghalhekk minghajr ma tidhol fil-mertu tal-korrettezza tal-ammonti mitluba hemm lok ghall-azzjoni ai termini tal-artikolu 37 tal-Kap. 234 u kwindi t-talba attrici hi gustifikata.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-tabiet attrici fis-sens li ma jsir ebda bejgh u tipprojbixxi kull negozju, bejgh jew self fir-rigward tal-bastiment M/Y Lady in Blue, u fir-rigward ta' kull sehem fl-istess bastiment kif ukoll ma jigux kostitwiti u registrati mortgages fuq l-istess bastiment u lanqas jinhareg ebda deletion certificate u dan taht dawk il-kondizzjonijiet u pattijiet li jidhrilha xierqa u opportuni u skont l-artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna notifika lir-Registratur tal-Bastimenti Merkantili u tal-Bahrin a tenur tal-istess artikolu 37 tal-Kap. 234.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur